22004D0060

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 60/2004

tas-26 ta' April 2004

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 8/2004 tas-6 ta' Frar 2004 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni tal-ħajja ([2]), għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

(3) Id-Direttiva 2002/83/KE li tħassar, b'effett mid-data tad-dħul b'effett tagħha, id-Direttivi 79/267/KEE ([3]), 90/619/KEE ([4]) u 92/96/KEE ([5]), li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentament għandhom ikunu mħassra mill-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim għandu jkun emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2003/83/KE fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' April 2004, basta li n-notifiki kollha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 116, tat-22.4.2004, p. 54.
([2]) ĠU L 345, tad-19.12.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 63, tat-13.3.1979, p. 1.
([4]) ĠU L 330, tad-29.11.1990, p. 50.
([5]) ĠU L 360, tad-9.12.1992, p. 1.
(*) L-ebda ħtieġa kostituzzjonali ma hija indikata.

L-ANNESS

L-Anness IX tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 11 (id-Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"**32002 L 0083**: Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 345, tad-19.12.2002, p. 1).

It-test tad-Direttiva għandu, għall-iskopijiet tal-Ftehim preżenti, ikun jinqra bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) dan li ġej għandu jiżdied ma l-Artikolu 6.1(a):

– fil-każ ta' l-Islanda:

Hlutafélag, Gagnkvæmt félag.

– fil-każ ta' Liechtenstain:

Aktiengesellschaft, Genossenschaft, Stiftung.

– fil-każ tan-Norveġja:

Aksjeselskaper, Gjensidige selskaper.

(b) l-Artikolu 57 m'għandux ikun applikabbli; id-dispożizzjoni li ġejja għandha tkun applikabbli:

Kull Parti Kontrtaenti tista, permezz ta' ftehim konkluż ma wieħed jew aktar pajjiżi terzi, jaqbel ma l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet differenti minn dawk li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 51, 52 u 54 sa 56 tad-Direttiva bil-kondizzjoni l-persuni assigurati tagħha jkunu mogħtija protezzjoni adekwata u ekwivalenti.

il-Partijiet Kontraenti għandhom jinfurmaw u jikkonsultaw lill-xulxin qabel ma jinkludi tali ftehim.

Il-Partijiet Kontraenti m'għandhomx japplikaw id-dispożizzjonijiet fuq il-frieġi ta' l-impriżi ta' l-assigurazzjoni li jkollu l-uffiċċju ewlieni tagħhom il-barra mit-territorju tal-Partijiet Kontraenti li jkunu jirriżultaw fi trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lill-frieġi ta' l-impriżi ta' l-assigurazzjoni li jkollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fi ħdan it-territorju tal-Partijiet Kontraenti;

(ċ) F'dak li jirrigwardja r-relazzjoniet ma impriżi ta' l-assigurazzjoni minn pajjiżi terzi deskritti fl-Artikolu 59, dan li ġej għandu jkun applikabbli:

1. Bil-għan li jkun milħuq il-grad massimu tal-konberġenza fl-applikar ta' impenn tal-pajjiż terz fuq l-impriżi ta' l-assigurazzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom iwettqu skambju tal-infortmazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 59(1) u 59(5) Konsultazzjonijiet għandhom jinżammu rigward il-materji referuti fl-Artikoli 59(2), 59(3) u 59(4)m fil-qafas tal-Kumitat Konġunt ŻEE u skond il-proċeduri speċifiċi li għandhom ikunu miftħiema bejn il-Partijiet Kontraenti.

2. Awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti lill-impriżi ta' l-assigurazzjoni ta' Parti Kontraenti li huma sussidjarji diretti jew indiretti ta' l-impriżi paterni regolati bil-liġijiet ta' pajjiż terz, għandhom ikollhom il-validità b'konformityà mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva matul it-territorju kollu tal-Partijiet Kontraenti.

B'dankollu,

(a) meta pajjiż terz jimponi restrizzjonijiet kwantotattivi fuq l-istabbeliment ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni ta' Stat AEKĦ, jew jimponi restrizzjonijiet fuq tali impriżi ta' l-assigurazzjoni li huwa ma jkunx jimponti fuq l-impriżi ta' l-assigurazzjoni tal-Komunità, awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan il-Komunità lill-impriżi ta' l-assigurazzjoni li huma sussidjarji diretti jew indiretti ta' impriżi paterni irregolati bil-liġijiet ta' dak il-pajjiż terz, għandhom ikollhom biss il-validità fil-Komunità, apparti minn meta Stat AEKĦ jiddeċiedi mod ieħor għall-ġurisdizzjoni tiegħu stess;

(b) meta l-Komunità tkun iddeċidiet li deċiżjonijiet li jirrigwardjaw awtorizzazzjonijiet li dwarhom l-impriżi ta' l-assigurazzjoni li s-sussidjari diretti jew indiretti ta' impriżi paterni huma regolati bil-liġijiet ta' pajjiż terz, dawn għandhom ikunu limitati jew sopiżi, kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità kompetenti ta' Stat AEKĦ lil tali impriżi ta' l-assigurazzjoni għandha jkollha l-validità biss fil-ġurisdizzjoni tiegħu, apparti minn meta Parti Kontraenti oħra tiddeċiedi mod ieħor dwar il-ġurisdizzjoni tagħha,

(ċ) il-limitazzjonijiet jew is-sospenzjonijiet referuti fis-subparagrafi (a) u (b) jistgħu ma jkunux applikabbli għall-imporiżi ta' l-assigurazzjoni jew lis-sussidjarji tagħhom li jkunu diġa awtorizzati fir-territorju ta' Parti Kontraenti.

3. Kull meta l-Komunità tinnegozja ma pajjiż terz fuq il-bażi ta' l-Artikolu 59(3) u 59(4), sabiex takkwista trattament nazzjonali u aċċess effettiv tas-suq għall-impriżi ta' l-assigurazzjoni tagħha, hija għandha tagħmel sforz li takkwista trattament egwali għall-impriżi ta' l-assigurazzjoni tal-Isrtati AEKĦ;

(d) Fl-Artikolu 30(1), il-kliem 'Indiċi Ewropew tal-prezzijiet tal-konsumatui li jinkludu l-Istati Membri kollha' għandhom ikunu mibdula bil-kliem 'Indiċi ŻEE tal-prezzijiet tal-konsumatui li jinkludu l-Istati Membri'."

2. It-testi fil-punti 12 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE) u 12a (id-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE) għandha tkun imħassra.

3. Dan li ġej għandu jkun miżjud mat-tmin inċiż (id-Direttiva 95/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE), l-ewwel inċiż (id-Direttiva 95/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punti 7a (id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE), it-tieni nċiż (id-Direttiva 95/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 30 (id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE) u l-ewwel inċiż (id-Direttiva 95/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 30b (id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE):

", kif emendati bi:

– **32002 L 0083**: Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 (ĠU L 345, tad-19.12.2002, p. 1)."

4. Dan li ġej għandu jkun miżjud mat-tieni inċiż (id-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 7a (id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE), it-tielet inċiż (id-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punti 30 (id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE), u it-tieni nċiż (id-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 30 (id-Direttiva tal-Kunsill 2000/64/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 30b (id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE):

", kif emendati bi:

– **32002 L 0083**: Id-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 (ĠU L 345, tad-19.12.2002, p. 1)."